**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 122/ 19 AGV;**

**EB (ID nru: 75188M)**

**Vs**

**Kuraturi Deputati ghal assenti CB.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 20 ta' Mejju, 2019 fejn espona bir-rispett u kkonferma:-

1. Illi l-kontendenti AB u CB (American Driving License D 5406174), inghaqdu f' Unjoni Civili fl-10 ta' Lulju 2015, gewwa the Xara Palace Mdina, u skont kif jidher mic-certifkat tal-Unjoni Civili, bin-numru ta'

registrazzjoni 24 tas-sena 2015. Illi kopja tieghu qed tigi hawn anness ma' dan ir-rikors u ezebita bhala Dok. A;

2. Illi l-prezenti proceduri qed isiru sabiex l-unjoni civili ccelebrat bejn il-kontendenti, jigi dikjarat null u bla effett skont il-Ligi, stante li l-kunsens ta' xi wiehed mill-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-att dwar iz-zwieg, Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-unjoni civili tal-partijiet ccelebrat nhar l-10 ta' Lulju, elfejn u hmistax, huwa null u bla effett fil-Ligi ghal fini tal-Artikolu 19(1)(f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom inghata bl-eskusjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-unjoni civili tal-partijiet iccelebrat nhar l-10 ta' Lulju, elfejn u hmistax huwa null u bla effett ghall-fini tal-Artikolu 19(1)(c) stante li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-partijiet l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

5. Illi l-partijiet iccelebraw l-unjoni civili taghhom fl-10 ta' Lulju, elfejn u hmistax u l-konvenut halla Malta fit-13 ta' Lulju, elfejn u hmistax, bl-iskuza illi ried jinforma lill-familjari tieghu b'din l-unjoni civili u jiehu hsieb xi affarijiet personali. Il-kontendenti ltaqghu biss darba ohra wara c-celebrazzjoni tal-unjoni civili meta l-esponent siefer l-Amerika ghal hmistax–il gurnata.

6. Illi l-esponenti kien ingannat ukoll finanzjarjament mill-konvenut u dan hekk kif ha jigi ppruvat matul dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, l-attur in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha:-

a. Tiddikjara u tiddeciedi illi l–unjoni Civili ccelebrat nhar l-10 ta' Lulju, elfejn u hmistax bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi,

b. Tordna lir-Registru Pubbliku jannota tali nullita' tal-att tal-Unjoni Civili numru erbgha u ghoxrin tas-sena elfejn u hmistax u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess Onorabbli Qorti, jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti rat ir-risposta tal-kuraturi deputati** Dr Benjamin Valenzia datata 1 ta' Ottubru 2019 fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk minn issa qed jirriservaw id-dritt li jressqu eccezzjoni ulterjuri permessibbli skont il-Ligi.
2. Jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirizz maghruf ta' CB u dettalji ohra li jistghu jwasslu sabiex il-kuraturi Deputati jaghmlu kuntatt mal-assenti.

3. Ir-rikorrenti ghandu jipprova skont il-ligi kif l-unjoni civili huwa null skont dak minnu premess.

Salv eccezzjonijiet ohra pemissibbli skont il-Ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

**FATTI**

**1.** L-attur kien iltaqa' mal-konvenut permezz ta' Facebook, li kellu cittadinanza doppja, dik Amerikana u dik Messikana. Kienu jiccatjaw minn fuq Facebook u gieli cemplu lil xulxin. Wara li din l-affari kienet ilha sejra ghal xi sitt xhur, il-konvenut beda juri x-xewqa li jinghaqdu f'unjoni civili, minkejja li qatt ma kienu ltaqghu personalment. L-attur ighid li kien staqsa lill-konvenut jekk kienx cert ta' dan il-pass u x'kien ifisser.

Iddecidew li jinghaqdu f'din l-unjoni fl-10 ta' Lulju, 2015 peress li dina kienet l-ewwel darba li seta' jigi Malta. Iltaqghu Ruma, fejn qattghu ghaxart ijiem u mbaghad gew Malta. L-attur ighid li hu hallas ghad-dokumenti kollha li kienu rrikjedu mir-Registru Pubbliku da parti tal-konvenut u fil-fatt ikkonferma li kien hallas is-somma ta' disa' mitt dollar mill-kont tieghu ghall-kont bankarju tal-konvenut[1]. Izid ighid ukoll li kien ukoll hallas il-vjaggi taghhom bejn Ruma u Malta u tal-konvenut minn Malta ghall-Amerika. L-ispejjes tal-appartament li qaghdu fih f'Ruma, kif ukoll l-ispejjes tal-btala thallsu kollha mill-attur u ighid li ghamel dan peress li l-konvenut kien qallu li jinsab dizokkupat.

L-attur ighid li ma kienx informa lill-genituri tieghu b'din l-unjoni civili, minkejja li kien joqghod maghhom. Kien informa biss is-sitt ihbieb tieghu u uhud minnhom kienu stiednu lit-tfajla taghhom. Jispjega li wara din l-unjoni li giet iccelebrata fl-10 ta' Lulju, 2015, il-konvenut kien halla Malta

[1] Ara Dok. EM 2

fit-13 ta' Lulju, 2015, bl-intendiment li ser idum xahar barra biss sakemm jirranga xi affarijiet, jiehu hsieb iz-zewgt iklieb li kellu u jirregistra l-unjoni civili gewwa pajjizu. Izda, gara li ghadda Settembru u l-konvenut ma rritornax u l-attur jispjega li kien anzjuz peress li kien jaf li l-konvenut ma kellux x'izommu f' pajjizu meta dan lanqas ma kellu impjieg.

L-attur ikompli jghid li meta ra li l-konvenut ma kienx gej iddecieda li jivvjagga lejn l-Amerika u dan kien ghall-habta ta' Ottubru, 2015. Kien ftiehem mieghu u l-lejl ta' meta suppost kellu jivvjagga l-konvenut talbu biex ma jmurx, izda peress li kien hallas kollox, l-attur insista li kien ser jaghmel il-vjagg xorta wahda. Meta wasal Los Angeles, ma sabx lill-konvenut jistennih u kienet marret ghalih habiba tieghu minflok. Qallu li kien minhabba li kien sab impjieg gdid u kienet l-ewwel gurnata ta' xoghol tieghu.

L-attur jispjega li tul il-btala tieghu gewwa l-Amerika, kien ra differenza totali fil-konvenut, li kien indifferenti mieghu ghal kollox u ma kienx l-istess persuna meta kienu ltaqghu Ruma. Tul il-hmistax li dam hemmhekk qatt ma ra lill-konvenut imur ghax-xoghol, anzi kien ikun id-dar u jaghmel minn kollox biex jevitah.

Wara li gie lura Malta, l-attur jametti li xorta baqa' jittama li kien hemm futur bejniethom. Baqghu jikkomunikaw tramite Facebook, izda ma kienx hemm l-istess kwalita' ta' komunikazzjoni bhal qabel ma nghaqdu fl-unjoni civili. Imbaghad, il-konvenut kien beda jghidlu li kellu problemi finanzjarji u li kellu problemi medici ukoll u kellu hafna spejjes ghall-medicini. L-attur ighid li hu ddecieda li jghinu f'dak li jirrigwarda sahhtu u kien jibghatlu l-flus, filwaqt li l-konvenut kien jibghatlu l-preskrizzjonjiet medici. Imbaghad fi Frar, 2017 kien talbu somma ta' €8000 minhabba

sahhtu. L-attur kien baghtlu s-somma ta' €8,400 bil-kundizzjoni li jhallsu mitt dollar kull xahar, izda l-konvenut ghamel dan biss ghal xahar u spicca li kien qed ihallas €152 fix-xahar minhabba dawn il-flus.[2] B' kollox l-attur kien ittrasferixxa s-somma ta' €12, 719.8.

Minkejja li kien jibaghtlu l-flus u minkejja li kien dejjem jiehu l-inizjattiva sabiex jibqa' in kuntatt mieghu, il-konvenut baqa' juri indifferenza u kien arroganti mieghu u kien ikellmu biss biex jitlobu l-flus. Tul dan iz-zmien, izid ighid li l-konvenut kien biddel ir-residenza tieghu u ma tahx informazzjoni.

Hawn l-attur induna li kien gie ngannat mill-konvenut kemm finanzjarament, kif ukoll emozzjonalment, ghax minkejja li kien tah x'jifhem li ried jibni hajja mieghu, dan ma kienx minnu. F' Ottubru, 2017 iddecieda li ma jikkomunikax izjed mieghu u qatt ma sema' iktar minghand il-konvenut u ghalhekk seta' jikkonferma li kien gie ngannat.

2. DE, habib tal-attur mit-tfulija. Ighid li kien sorpriz hafna meta l-attur kien infurmah li kien bi hsiebu jidhol f'unjoni civili mal-konvenut, wara li kien iltaqa' mieghu fuq Facebook. Kien ipprova jdawwarlu fehmtu ghax hass li kien qed ighaggel, izda meta rah daqshekk ferhan, kien offra li jghinu jorganizza c-cerimonja. L-attur kien qallu li ma riedx jinforma lill-familjari tieghu. Kien hemm biss ghaxra minn nies ghac-cerimonja. Ighid ukoll li din kienet l-ewwel darba li tkellem mal-konvenut, fejn qallu li meta ppropona li jidhlu f'din l-unjoni, kien ghamliha bi hlieqa u meta ra li l-attur kien daqshekk herqan, kien iddecieda li jkompli b'dan il-pass.

[2] Ara kuntratt ta' plegg Dok. EM 3

Jispjega li waqt ic-cerimonja, il-konvenut ma kienx taha bewsa lill-attur, izda kien dawwarlu wiccu. Ighid li l-konvenut kien bghatt jirringrazzjah talli kien attenda ghac-cerimonja ghax kien anke qaghad xhud u qatt ma rrispondieh meta qallu li jkun qed jistennieh lura f' Settembru.

Ix-xhud ikompli jispjega li l-attur kien fetah qalbu mieghu u kien qallu li kellu l-problemi fir-relazzjoni mal-konvenut u li dan tal-ahhar kien il-hin kollu jitolbu l-flus. Minkejja l-pariri li kien itih, ix-xhud ighid li kien jaf li l-attur xorta baqa' jibghatlu l-flus.

3. FG, habiba tal-attur tghid li kien infurmaha li kien ser jidhol f'unjoni civili mal-konvenut, persuna li ma kienx jaf personalment, izda kienu jitkellmu fuq il-mezzi socjali fuq l-internet. Ix-xhud tispjega li kienet inkwietat ghall-attur peress li tafu bhala persuna li jqis kull pass li jaghmel, pero' kien jidher kuntent b'din id-decizjoni tieghu. Kien qalilha ukoll li ma kienx ser jinforma lill-membri tal-familja tieghu b'din id-decizjoni.

   Ix-xhud tispjega li kienet iltaqghet mal-konvenut l-ewwel darba waqt ic-cerimonja u kienet hasset li kien hemm nuqqas ta' serjeta ghall-persuna li kienet diehla ghaz-zwieg. Lanqas ma taha bewsa lill-attur, anzi dawwar wiccu.

   Ix-xhud tkompli tghid li kienet ikkomunikat mal-konvenut meta mar lura lejn l-Amerika, sabiex meta jirritorna Malta f' Settembru, b'mod permanenti, ghax hekk kien qalilha, jiltaqghu jiehdu kafe', izda lanqas qatt ma wiegbha.

   Tghid li l-attur kien imbaghad infurmaha li kellu problemi mal-konvenut li donnu ma kellux intenzjoni li jibnu relazzjoni flimkien. Kien biss interessat

li jehodlu l-flus, li taf li l-attur baqa’ jibghatlu, ghax kien baqa’ bit-tama li jirrangaw. Tghid li kienet taghtih parir sabiex jaghmel hajtu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Kontradittorjeta' fit-Talbiet Attrici.**

Qabel xejn, peress illi r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu ghan-nullita` taz-zwieg sew fuq is-subinciz (1)(d) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(f) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, ghandu jinghad illi diversi drabi gie dikjarat mill-Qrati taghna illi kawza dwar annullament ta’ zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fl-istess waqt ukoll fuq is-subinciz (1)(d), ghandha titqies li tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita’ tal-att, pero` min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien inevitabbilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **Kenneth Cefai vs Louise Cefai** [3] deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Novembru 2011:-

*“Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:- “It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Novembru, 2011

*exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Il-Qorti ser titratta iz-zewg kawzali izda naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(d)**

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Ikkunsidrat;

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni ggib maghha. Ghalhekk huwa imperattiv li biex jigu stabbiliti x’inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta’ koppja mizzewga, wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Il-Kodici Civili fl-Artikolu 2** intestat ***Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*** jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

***Artikolu 2.***
*(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*(3). Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[4], il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:-

"*fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii*.

[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

Ikkunsidrat;

In-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis-sentenza **Charles Atkins v. Matilde Atkins**[5], inghatat spjegazzjoni dettaljata tal-kuncett ta' *discretio judicii* li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:-

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-*

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2003

*gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*"

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana[6] illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku.

Mill-provi prodotti minn meta gie ccelebrat iz-zwieg sakemm il-konvenut telaq lejn l-Amerika, ghaddew biss jumejn u minn dakinhar ftit li xejn kien hemm kuntatt bejn il-partijiet. L-attur kien konsapevoli ghal xiex kien diehel meta accetta l-proposta tal-konvenut li jiccelebraw unjoni civili. Tant kien hekk li kien talab lill-konvenut jekk kienx lest u konvint mill-pass li kienu ser jiehdu, specjalment peress li ma kinux jafu lil xulxin personalment.

Ghalhekk huwa difficli biex jigi konkluz li kien hemm difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju u dan partikolarment meta m'hemmx provi bizzejjed li jistghu jwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm l-inkapacita' intellettwali u l-immaturita' affettiva ta' xi parti li wassal ghall-kunsens ivvizjat taht l-Artikolu 19 (1d).

[6] Ara r-rassenja tal-gurisprudenza in materja li tinsab fis-sentenza Simon Cusens vs. Romina Cusens supra.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f)**

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[7]:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[8] illi:-

[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002
[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[9], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

[9] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.

Illi kif gie spjegat minn dina l-Qorti fil-kaz **Alfred Tonna vs Maria Tonna**[10] **"ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra ( jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali jew dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."**

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[11]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*".

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

---

[10] Prim'Awla tal-Qorti Civili(VDG) 31 ta' Jannar, 1996
[11] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[12], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[13] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina[14]** u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

Ikkunsidrat:-

It-talba ghall-annullament taht l-Artikolu 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta tirreferi ghall-simulazzjoni parzjali u cioe' parti, fil-mument li suppost qed taghti l-kunsens taghha, il-parti tkun eskludiet iz-zwieg, kif ukoll wiehed jew aktar obbligi essenzjali taz-zwieg, u cioe' unjoni permanenti, eskluzziva u irrevokabbli, diretta lejn il-gid komuni, bl-iskop li jkun hemm prokreazzjoni.

Mill-provi prodotti jidher li dina l-unjoni civili kienet gennata mill-kbar, specjalment meta wiehed iqis li l-partijiet lanqas qatt ma ltaqghu fizikament, hlief ghaxart ijiem qabel l-unjoni, meta ltaqghu Ruma, biex jinzlu Malta flimkien. L-attur jaghti x'jifhem li xtaq li dan iz-zwieg jirnexxi u kien eccitat hafna u kuntent. Dan huwa kkonfermat mill-hbieb intimi li l-attur pproduca bhala provi f'dan il-kaz. Ciononostante, jirrizulta li l-attur kien konsapevoli li kien qed ikun irrazzjonali fl-azzjonjiiet tieghu, meta accetta l-proposta tal-konvenut, tant li staha jiffaccja lill-genituri dwar din l-unjoni. Effettivament, wasal biex iccelebra din l-unjoni ad insaputa taghhom u jidher li baqghu fid-dlam sal-lum. Id-decizjoni kienet

[12] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994
[13] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[14] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

indubbjament wahda mghaggla, imma kellu tama li kien se jkollhom futur quddiemhom u baqa' jiggieled ghall-unjoni meta ra l-imgieba ta' indifferenza tal-konvenut u ghalhekk fuq bazi ta' probabilitajiet dina l-Qorti ma tistax tghid li l-attur kellu kunsens vizzjat minhabba xi simulazzjoni totali jew parzjali.

Il-fattispeci tal-kaz huma ferm differenti fejn jikkoncernaw lill-konvenut, li s'intendi, kellu skopijiet ulterjuri wara dan iz-zwieg. Il-habib tieghu DE stqarr li meta ppropona lill-attur waqt xi *chat* fuq Facebook, kienet hlieqa, izda meta nduna li l-attur kien hadu bis-serjeta' approfitta mis-sitwazzjoni u minn hemm bdew sensiela ta' sfruttar partikolarment finanzjarju da parti tal-konvenut. Sab lill-attur wisq vulnerabbli u emozzjonalment involut biex jinduna li l-konvenut ma kien qed jaghmel xejn iktar milli jghaddih biz-zmien. Sfortunatament, il-hbieb tal-attur li kienu prezenti ghac-cerimonja kkummentaw quddiem dina l-Qorti li ndunaw li kien hemm nuqqas ta' serjeta da parti tal-konvenut. Effettivament, dina l-unjoni sehhet fl-10 ta' Lulju, 2015 u sat-13 ta' Lulju, 2015, il-konvenut kien diga' telaq lejn l-Amerika, bi pjan li ma jergax jirritorna Malta, fejn halla lill-attur hawn bl-isperanza li xi darba jerga' jinghaqdu. Kien biss li meta wasal Settembru u ma tfaccax il-konvenut, li l-attur mar l-Amerika u hemm beda jintebah bl-attitudni ta' indifferenza u arroganza da parti tal-konvenut. Induna li l-konvenut kien qed jaghmel kollox biex jevitah u minkejja d-diversi tentattivi tieghu biex jibdew jibnu hajja flimkien, meta din kien lanqas bdiet tinbexx.

Il-konvenut approfitta ruhu mis-sitwazzjoni u mill-generosita' u l-ingenuinita' tal-attur, iffinanzja vjagg lejn Ruma, lejn Malta u hadlu 'l fuq minn €12,000 bl-iskuza li kellu problemi ta' sahha. L-intenzjonijiet tieghu qatt ma kienu ta' zwieg u ghalhekk dawn il-fatti kollha ma jhallu l-icken

dubbju f'ghajnejn dina l-Qorti li kien hemm simulazzjoni totali da parti tal-konvenut.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tiddikjara li l-unjoni civili li giet iccelebrata fl-10 ta' Lulju, 2015 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**